

Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Divorzju u separazzjoni legali Divorzju u separazzjoni legali

Olanda

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Rikors għal divorzju jista' jiġi ppreżentat minn wieħed mill-konjuġi (rikors unilaterali) jew miż-żewġ konjuġi flimkien (rikors konġunt). Il-proċedura hija l-istess (ara l-mistoqsija Nru 11).

F'kull każ il-partijiet iridu jiġu rappreżentati minn avukat matul il-proċedimenti. Rikors għad-divorzju jinstema' mill-qorti distrettwali (*rechtbank*) tal-post fejn huwa/huma residenti r-rikorrent/i. Rikors għad-divorzju jista' jiġi ppreżentat f'kull ħin wara ż-żwieġ; il-partijiet ma għandhomx għalfejn ikunu ilhom miżżewwġin għal xi perjodu partikolari ta' żmien. Id-divorzju jidhul fis-seħħ meta tiġi rreġistrata s-sentenza tal-qorti fir-reġistru tat-twelid, taż-żwigiġiet u tal-imwiet (*burgerlijke stand*). Id-divorzju jista' jiġi mdaħħal fir-reġistru biss ladarba s-sentenza ma tkunx għadha miftuħa għall-appell (issir *res judicata*). Id-divorzju jrid jiġi rreġistrat fir-reġistru fi żmien sitt xhur minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, inkella s-sentenza tiffekt l-effett tagħha, f'liema każ id-divorzju ma jkunx jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru. Jekk iż-żwieġ ikun ġie ċelebrat barra l-pajjiż u ċ-ċertifikat taż-żwieġ barrani ma jkunx ġie rreġistrat fir-reġistru Netherlandiż, is-sentenza ta' divorzju Netherlandiża tiddaħħal fir-reġistru speċjali tat-twelid, taż-żwigiġiet u tal-imwiet fl-Aja, in-Netherlands.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

Skont il-liġi Netherlandiża, l-unika raġuni sabiex wieħed jitleb id-divorzju hija t-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ. Żwieġ jitleb li tkisser irrimedjabbli jekk il-konjuġi jsibu li l-koabitazzjoni hija intollerabbli u li mhommx tama illi jerġa' jkun hemm relazzjonijiet maritali xierqa. Jekk ir-rikors jressaq minn wieħed mill-konjuġi biss, ir-rikorrent irid jiddikjara illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbli, u jekk din id-dikjarazzjoni tiġi miċħuda mill-konjuġi l-ieħor, ir-rikorrent irid jipprovi provi. Hija l-qorti li tiddeċiedi jekk iż-żwieġ tkissir irrimedjabbli. F'każ ta' rikors konġunt, is-sentenza ta' divorzju tingħata abbażi tal-fatt illi ż-żewġ konjuġi jemmnu illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbli.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Id-divorzju jista' jkollu implikazzjonijiet għall-użu tal-kunjom ta' ekskonjuġi. Hekk kif id-divorzju jsir finali, persuna divorzjata tista' terġa tizzewwieg jew tidhul fi sħubija ċivili.

3.2 il-qsim tal-proprjetà tal-konjuġi

Reġim previst mil-liġi (sjieda konġunta tal-proprjetà kollha)

In-Netherlands għandha reġim pjuttost partikolari rigward it-ttrattament tal-introjtu u l-proprjetà matul iż-żwieġ. L-arranġament ordinarju, previst mill-istatut, huwa s-sjieda konġunta tal-proprjetà kollha (*algehele gemeenschap van goederen*). Normalment, il-proprjetà kollha akkwistata minn kull konjuġi qabel jew matul iż-żwieġ jiffirma parti mill-proprjetà konġunta. L-assi taż-żewġ konjuġi jingħaqdu. Normalment, id-dejn imġarrab qabel jew matul iż-żwieġ huwa wkoll responsabbli ta' konġunta, irrispettivament minn min daħal għad-dejn. Kreditur jista' jirkupra d-dejn mill-proprjetà konġunta tal-konjuġi. Il-proprjetà ma tibqax konġunta mad-divorzju, jiġifieri meta s-sentenza ta' divorzju tiġi rreġistrata fir-reġistru tat-twelid, taż-żwieġ u tal-imwiet. L-assi tal-konjuġi ma jibqgħux magħquda, għalhekk il-proprjetà konġunta trid tinqasam. Irid jiġi stabbilit x'għandu dritt għalih kull konjuġi mill-proprjetà konġunta. Ir-regola ġenerali hija li kull konjuġi għandu dritt għal nofs il-proprjetà. Il-konjuġi jistgħu jiddeċiedu li ma jimxux ma' din ir-regola, u jagħmlu arranġamenti oħra, fi ftehim dwar id-divorzju (*echtscheidingsconvenant*) jew fi żmien id-diviżjoni (*verdeling*).

Il-ftehimiet ta' qabel u wara ż-żwieġ

Il-konjuġi jistgħu jagħżlu reġim differenti mill-arranġament ordinarju previst mil-liġi jekk jiftehmu dwar ftehim ta' qabel iż-żwieġ jew (rari) ftehim wara ż-żwieġ. Dawn il-ftehimiet jistabbilixxu wkoll ir-regoli għad-diviżjoni tal-proprjetà f'każ ta' divorzju.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Il-kustodja

Wara d-divorzju, il-ġenituri jibqgħu bil-kustodja konġunta ta' uliedhom, kif kellhom matul iż-żwieġ. Il-qorti tista' tintalab tagħti l-kustodja lil ġenitur wieħed biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Ir-rikors għall-kustodja esklussiva jista' jiġi ppreżentat minn kull ġenitur waħdu jew mit-tnejn li huma. Ġenitur li ma ngħatax il-kustodja tat-tfal għandu dritt għall-aċċess. Kull ġenitur jew it-tnejn li huma jistgħu jitolbu lill-qorti biex tistabbilixxi r-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess.

Il-manteniment tat-tfal

Jekk il-ġenituri jkomplu jaqsmu l-kustodja wara d-divorzju, il-ħsieb huwa li jaslu għal ftehim dwar kif jaqsmu l-ispejjeż għat-trobbija ta' uliedhom. Huma jistgħu ukoll jitolbu lill-qorti biex tniżżel dak li jkunu ftehemu dwaru. Jekk ma jistgħux jilħqu ftehim, il-qorti tista' tistabbilixxi somma biex tiġi tiffallas bħala manteniment. Jekk wieħed mill-ġenituri biss għandu l-kustodja esklussiva, huwa jista' jitleb lill-qorti biex issir taf kemm għandu jikkontribwixxi l-ġenitur l-ieħor għall-ispejjeż ta' kuljum tat-tfal. Bħala regola ġenerali, il-ġenituri huma mistennija jiftehmu dwar kif sejrin iħallsu l-manteniment bejniethom. Għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok ara s-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġbir tal-Pagamenti tal-Manteniment (*Landelijk Bureau Inning Onderhoudsbijdragen*) (<http://www.lbio.nl/>).

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

L-obbligu tal-konjuġi biex imantnu lill xulxin ikompli wara l-ħall taż-żwieġ. Jekk l-introjtu ta' ekskonjuġi mhux biżżejjed għall-għajxien tiegħu, u ma jistax jiġi mistenni li jaqla' l-ammont ta' introjtu neċessarju, huwa jista' jitleb lill-qorti biex tordna lill-ekskonjuġi l-ieħor biex iħallas il-manteniment għall-għajxien tiegħu. Il-qorti tista' tagħmel hekk fis-sentenza ta' divorzju jew wara. Meta tikkalkula kemm għandu jitħallas manteniment, il-qorti tikkunsidra l-bżonnijiet tal-konjuġi li sejjer jirċievi l-ħlas u l-mezzi tal-konjuġi l-ieħor. Jistgħu jitleb wkoll fatturi mhux finanzjarji, bħal kemm dam iż-żwieġ, jew kemm kienu ilhom jgħixu flimkien il-konjuġi. Jekk il-qorti ma tistabbilix terminu għal kemm għandu jidm jitħallas il-manteniment, l-obbligu jintemm wara tnaħ-il-sena. F'każ fejn il-konjuġi li għandu bżonn il-manteniment għaddej minn diffikultà finanzjarja partikolari, huwa jista' jitleb lill-qorti biex testendi dan il-perjodu. Normalment, jekk iż-żwieġ kien qasir (inqas minn ħames snin) u ma kienx hemm tfal, il-perjodu li matulu jrid jitħallas il-manteniment ma jaqbiż il-perjodu taż-żwieġ innifsu. Jekk il-konjuġi jew ekskonjuġi laħqu ftehim dwar il-ħlas tal-manteniment huma jistgħu inizzju dan il-ftehim f'dak id-divorzju.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

Is-separazzjoni legali (*scheiding van tafel en bed*) hija mezz legali li bih il-konjuġi ma jibqgħux jgħixu flimkien iżda mingħajr ma jinħall iż-żwieġ ta' bejniethom. Is-separazzjoni legali hija ta' interess għall-konjuġi li jixtiequ jisseparaw u jindirizzaw il-konegwenzi legali tiegħu, iżda li jixtiequ jibqgħu miżżewwġin, forsi għal raġunijiet finanzjarji jew reliġjużi. Is-separazzjoni legali tħalli l-bieb miftuħ għal rikonċiljazzjoni, iżda tista' sservi wkoll bħala l-ewwel pass fil-hall taż-żwieġ. Separazzjoni legali tidħol fis-seħħ meta s-sentenza tal-qorti tidħol fir-reġistru tal-proprietà matrimonjali. Bħal fil-każ ta' divorzju, dan irid isir fi żmien sitt xhur.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

L-unika raġuni sabiex wieħed jitlob għas-separazzjoni legali hija t-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

L-implikazzjonijiet tas-separazzjoni legali fuq il-proprietà matrimonjali, il-kustodja tat-tfal (drittijiet ta' aċċess), ħlas tal-manteniment u l-pensjonijiet huma l-istess bħal f'każ ta' divorzju. Iż-żwieġ ikompli jeżisti. Il-liġi tistipula illi l-konjuġi li għażlu s-separazzjoni legali ma jirtxu il-proprietà ta' xulxin f'każ ta' mewt. Jekk, wara separazzjoni legali, il-konjuġi jiddeċiedu illi jridu jisseparaw għalkollox, xorta jistgħu jitolbu d-divorzju. Il-partijiet f'separazzjoni legali jistgħu jgħixu ma' persuna ġdida u jibnu ħajja ġdida, iżda ma jistgħux jerġgħu jżżewwġu jew jidhru fi sħubija ċivili.

Jekk wara separazzjoni legali ssir talba unilaterali għad-divorzju, japplikaw ċerti restrizzjonijiet. It-talbiet unilaterali huma suġġetti għal perjodu ta' stennija ta' tliet snin. Dan il-perjodu jista' jiġi mnaqqas għal sena mill-qorti f'ċerti każijiet. Il-perjodu ta' tliet snin jibda mid-data li fiha tiġi rreġistrata s-separazzjoni legali fir-reġistru. Jekk it-talba għad-divorzju wara separazzjoni legali ssir unilaterament, mhemmx perjodu ta' stennija. Il-hall taż-żwieġ jidħol fis-seħħ meta tiġi rreġistrata s-sentenza fir-reġistru tat-twelid, taż-żwiġijiet u tal-imwiet.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Iż-żwieġ jista' jiġi annullat biss permezz ta' sentenza tal-qorti. Il-proċedimenti tal-annullament jibdeu bil-preżentata ta' rikors. Għalhekk żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet qatt ma jkun awtomatikament null u bla effett: żwieġ jibqa' validu sakemm jiġi annullat. Il-liġi tindika x'raġunijiet jikkostitwixxu bażi għall-annullament u min jista' jippreżenta rikors.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Il-liġi tipprovi r-raġunijiet li ġejjin biex fuqhom jiġi bbażat ir-rikors għall-annullament: il-partijiet iżżewwġu minkejja li kien hemm: impedimenti għaż-żwieġ (rekwiżiti ta' età minima), nuqqas ta' kunsens għaż-żwieġ ta' minuri, il-bigamija, grad proibit ta' parentela); pressjoni jew żball;

żwieġ ta' konvenjenza;

mard mentali ta' wieħed mill-konjuġi;

nuqqas ta' kompetenza tar-reġistratur; jew

nuqqas ta' xhieda.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Annulament għandu effett retroattiv u japplika minn meta seħħ iż-żwieġ. Dan ifisser li, wara l-annullament mill-qorti, iż-żwieġ jitqies li qatt ma eżista. Issir eċċezzjoni f'ċerti ċirkonstanzi, fl-ilem każ l-annullament ikollu l-istess effett daqs divorzju. Pereżempju, it-tfal imwiċċa minn żwieġ annullat jibqgħu it-tfal tal-ġenituri. Eċċezzjoni oħra tikkonċerna konjuġi puttattiv, jiġifieri l-konjuġi li ma kienu jaf li ż-żwieġ kien difettuż. Jekk jogħġbok ara l-kundizzjonijiet għall-annullament taż-żwieġ, kif imniżżla taħt il-mistoqsija 8. Konjuġi in *bona fide* jista, pereżempju, jitlob lill-konjuġi l-ieħor għall-manteniment.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Il-medjazzjoni hija komunu f'każijiet ta' divorzju fin-Netherlands. Bl-għajjn ta' medjatur u, fejn ikunu meħtieġa, l-avukati tal-partijiet, il-konjuġi jistgħu jippruvaw jaslu għal ftehim dwar id-divorzju u l-konsegwenzi tiegħu. Dawn l-arranġamenti jtniżżlu fi ftehim dwar id-divorzju (*echtscheidingsconvenant*), li huwa dokument bil-miktub. Dan il-ftehim jista' jkopri kwistjonijiet bħad-diviżjoni tal-proprietà, kull obbligu ta' ħlas tal-manteniment lil konjuġi, u pjan għat-trobbija tat-tfal. Il-qorti tista' tinkorpora l-ftehim imfassal matul il-proċess ta' medjazzjoni fis-sentenza tagħha.

Hemm Assoċjazzjoni ta' Avukati tal-Familja u Medjaturi għad-Divorzju (*Vereniging van Familierechtadvocaten en Scheidingsbemiddelaars*) b'membri speċjalizzati f'oqsma bħad-divorzju u l-ħlas tal-manteniment. Huma jispesjalizzaw ukoll fil-medjazzjoni f'divorzju u f'dak kollu li jgħib miegħu. Għal aktar informazzjoni, irreferi għal: <http://www.vas-scheidingsbemiddeling.nl/>.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jifiharsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Rikors

Il-proċedimenti għad-divorzju kollha jibdeu b'rikors il-qorti (*verzoekschrift*). Ir-rikors irid jispesifika l-kunjom, l-isem u d-domiċilju jew il-post ta' residenza tal-konjuġi. Jekk hemm tfal minuri affettwati mid-divorzju, iridu jingħataw l-istess dettalji fir-rigward tagħhom. Ir-rikorrenz jista' japplika wkoll għall-għajjnuna aċċillari (*nevenvoorzieningen*). Dan ir-rikors huwa relatat mad-divorzju. Il-qorti tista' tagħti għajjnuna aċċillari għal dawn l-affarijiet li ġejjin, fost l-oħrajn:

il-kustodja u d-drittijiet ta' aċċess għat-tfal minuri;

il-manteniment tat-tfal jew tal-konjuġi;

id-diviżjoni tal-proprietà matrimonjali jew l-eżekuzzjoni tar-reġim miftiehem fil-ftehim ta' qabel jew ta' wara ż-żwieġ;

l-użu tad-dar matrimonjali; u

l-ugwalizzazzjoni tal-pensjoni.

L-avukat tar-rikorrenz (*advocaat*) irid jippreżenta r-rikors quddiem il-qorti distrettwali (*rechtbank*). Jekk ir-rikorrenz jgħix in-Netherlands, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tad-distrett fejn jgħix. Jekk ir-rikorrenz ma jgħix in-Netherlands, iżda jgħix hemmhekk il-konjuġi l-ieħor, ir-rikors irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tad-distrett fejn jgħix il-konjuġi l-ieħor. Jekk iż-żewġ konjuġi jgħixu barra min-Netherlands, ir-rikors irid jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Distrettwali tal-Aja.

Liema dokumenti jridu jiġu ppreżentati?

estratti oriġinali (maħruġa fl-aħħar tliet xhur) mir-reġistru tal-popolazzjoni, għaż-żewġ konjuġi, li jindikaw iċ-ċittadinanza, l-istat ċivili u, f'każ ta' ċittadini mhux Netherlandiżi, id-data meta daħħlu fin-Netherlands; f'każijiet fejn wieħed mill-konjuġi huwa ċittadin Netherlandiż u l-ieħor mhuwiex, trid tiġi speċifikata d-data meta stabbilixxa ruħu fin-Netherlands;

estratti oriġinali mir-reġistru tat-twelid (maħruġa fl-aħħar tliet xhur) tat-tfal minuri;

estratt oriġinali mir-reġistru taż-żwiġijiet (li jista' jinkiseb mill-kunsill fil-post fejn iżżewwġu, li jrid ikun inħareġ fl-aħħar tliet xhur); f'każ ta' żwiġijiet li seħħew f'post barrani, ikun biżżejjed iċ-ċertifikat oriġinali taż-żwieġ jew estratt antik; u

jekk hemm tfal, pjan għat-trobbija tagħhom; il-pjan għat-trobbija jistabbilixxi l-arranġamenti mifthiema bejn il-ġenituri fir-rigward tat-tfal tagħhom, u jista' jipprovi għal kura ta' kuljum tat-tfal, l-edukazzjoni tagħhom, il-parteċipazzjoni fl-isports, il-kura medika, l-arranġamenti għal jiem speċjali bħal vaganzi u vaganzi pubbliċi, il-finanzi, u arranġamenti prattiċi (it-teħid tat-tfal lejn u lura mil-iskola).

12 Nista' ningħata għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Jekk ir-rikorrenz ma jistax iħallas l-ispejjeż ta' avukat jew medjatur, huwa jista' jkun eliġibbli għall-għajjnuna legali, skont ċerti kundizzjonijiet. Il-Bord tal-Għajjnuna Legali (*Raad voor de rechtsbijstand*) jagħti l-għajjnuna legali biss permezz ta' medjaturi li huma rreġistrati miegħu. Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà, irreferi għal <http://www.rvr.org/>.

Id-dritt għall-għajjuna legali japplika wkoll għall-kwistjonijiet transfruntiera jekk ir-rikorrent jgħix barra min-Netherlands iżda għewwa l-UE. Dan huwa regolat mid-Direttiva Ewropea dwar l-għajjuna legali fi kwistjonijiet transfruntiera (ĠU L 26, 31.1.2003). Talba għall-għajjuna legali tista' titressaq lill-Bord tal-Għajjuna Legali fl-Aja permezz ta' formola standard imfassla skont id-Direttiva, li hija identika fl-Istati Membri kollha. Jekk ikun meħtieġ, il-Bord tal-Għajjuna Legali jista' jgħin lill-applikanti jagħżel avukat. Għal aktar informazzjoni, irreferi għal: <http://www.rvr.org/>.

F'ċerti każijiet, fejn ikun hemm trattat, litigant li jgħix barra mill-UE jista' jkiseb għajjuna legali fin-Netherlands. It-trattati li għejjin huma rilevanti f'dan ir-rigward: il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Proċedura Ċivili (1954), il-Ftehim Ewropew dwar it-Trażmissjoni ta' Applikazzjonijiet għal Għajjuna Legali (1977) u l-Konvenzjoni dwar l-Aċċess Internazzjonali għall-Ġustizzja (1980). Dawn it-trattati jinkludu dispożizzjoni li essenzjalment tistipula illi ċ-ċittadini tal-Istati kontraenti huma eliġibbli għall-għajjuna legali fl-Istati kontraenti l-oħra, skont l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dawk l-Istati l-oħra. Fejn iquwu dawn il-każijiet fin-Netherlands, trid tintalab dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' fondi (*verklaring van onvermogen*) mill-awtorità kompetenti tal-post ta' residenza abitwali tar-rikorrent. Ir-rikors għall-għajjuna legali u d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' fondi jintbagħtu minn din l-awtorità lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn għandha tingħata l-għajjuna legali. Din tal-aħħar imbagħad tevalwa jekk ir-rikorrent huwiex intitolat għall-għajjuna legali.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Iva, jista' jsir appell fir-reġistru tal-qorti tal-appell (*gerechtshof*) fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza ta' divorzju. Is-sentenza tal-qorti tal-appell normalment tista' tiġi kkontestata fuq punt ta' liġi fil-Qorti Suprema (*Hoge Raad der Nederlanden*). Il-partijiet għandhom bżonn rappreżentazzjoni legali f'dawn il-proċedimenti.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta f'dan l-Istat Membru?

Fl-1 ta' Marzu 2005, dak li huwa magħruf bħala "Ir-Regolament Brussell II *bis*" (jew ir-Regolament ta' Brussell IIa) daħal fis-seħħ fl-Istati Membri tal-UE; l-isem sħiħ tiegħu huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000. Ir-Regolament Brussell II *bis* japplika f'każ ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ. Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, is-sentenzi ta' divorzju maħruġa fl-Istati Membri l-oħra (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) jiġu rikonossuti fin-Netherlands mingħajr il-bżonn ta' xi proċedura speċjali (l-Artikolu 21(1)). Bl-istess mod, l-ebda proċedura speċjali mhija meħtieġa għall-aġġornament tar-rekords dwar l-istat ċivili, pereżempju meta tiddaħħal annotazzjoni dwar divorzju f'ċertifikat taż-żwieġ.

Kull parti interessata tista' tiftaħ proċedimenti legali biex tiddetermina jekk għandhiex tiġi rikonossuta sentenza ta' divorzju minn pajjiż ieħor. Ir-Regolament Brussell II *bis* jipprovdi numru ta' raġunijiet li bihom jista' jiġi rifjutat ir-rikonossiment tad-divorzju. Pereżempju, ir-rikonossiment tad-divorzju ma jistax imur kontra l-ordni pubbliku. Jiġi meqjus ukoll jekk il-konvenut (il-parti li ma ppreżentatx ir-rikors għad-divorzju) kienx ġie infurmat kif xieraq bil-proċedimenti. Is-sentenza nfisha, madankollu, ma tistax tiġi rieżaminata. Skont ir-Regolament Brussell II *bis*, il-qorti tal-Istat Membru fejn oriġinat is-sentenza trid, fuq talba ta' kull parti interessata, toħroġ ċertifikat rigward din is-sentenza (permezz ta' formularju standardizzat). Dan iċ-ċertifikat jinkludi informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini tas-sentenza, id-dettalji tal-partijiet, jekk is-sentenza ingħatat b'kontumaċja, it-tip ta' sentenza, pereżempju divorzju jew separazzjoni legali, id-data tas-sentenza, u liema qorti tat is-sentenza.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Jekk parti interessata tixtieq topponi r-rikonossiment ta' sentenza ta' divorzju barrani fin-Netherlands, hija tista' tippreżenta rikors kontra r-rikonossiment quddiem l-imħallef għall-għajjuna provviżorja (*voorzieningenrechter*) tal-qorti distrettwali fejn hija abitwalment residenti.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħix f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Fl-1 ta' Jannar 2012 daħal fis-seħħ Ktieb 10 tal-Kodiċi Ċivili tan-Netherlands (*Burgerlijk Wetboek*). Il-Ktieb 10 tal-Kodiċi Ċivili jinkludi r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet li jistabbilixxu l-liġi applikabbli.

Ir-regola ewlenija hija li l-qrati dejjem japplikaw il-liġi tad-divorzju tan-Netherlands, irrISPETTIVAMENT miċ-ċittadinanza u mir-residenza abitwali tal-konjuġi. Jekk, pereżempju, it-talba għad-divorzju ssir fin-Netherlands minn koppja miżżewwġa ta' ċittadini Belġjani li jgħixu n-Netherlands, il-liġi tad-divorzju tan-Netherlands tiġi applikata awtomatikament. L-uniku każ fejn dan mhux i-każ huwa meta l-konjuġi jagħżlu liema liġi għandha tapplika f'każ ta' divorzju. Il-konjuġi jistgħu speċifikament jagħżlu l-liġi nazzjonali komuni tagħhom biex tkun applikabbli matul il-proċedimenti ta' divorzju, minflok il-liġi Netherlandiża. Għalhekk koppja Belġjana tista' tagħżel il-liġi tad-divorzju tal-Belġju għall-każ tagħha.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 22/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.